SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tmien Awla)

18 ta' Lulju 2013 *

"Dazju tas-sisa — Direttiva 92/12/KEE — Artikoli 7 sa 9 — Direttiva 2008/118/KE — Artikoli 32 sa 34 — Ċaqliq fil-Komunità ta' prodotti suġġetti għas-sisa — Regolament (KEE) Nru 3649/92 — Artikoli 1 u 4 — Dokument ta' sostenn simplifikat — Kopja 1 — Attività ta' 'cash & carry' — Prodotti mqiegħda għall-konsum fi Stat Membru u miżmuma għal skopijiet kummerċjali fi Stat Membru ieħor jew prodotti mixtrija mill-individwi għall-użu proprju tagħhom u ttrasportati minnhom stess — Spirti — Assenza ta' obbligu ta' verifika mill-fornitur"

Fil-Kawża C-315/12,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Højesteret (id-Danimarka), permezz ta' deċiżjoni tas-26 ta' Ġunju 2012, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fid-29 ta' Ġunju 2012, fil-proċedura

Metro Cash & Carry Danmark ApS

vs

Skatteministeriet,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tmien Awla),

komposta minn E. Jarašiūnas, President tal-Awla, C. Toader (Relatur) u C. G. Fernlund, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: E. Sharpston,

Reġistratur: L. Hewlett, Amministratur Prinċipali,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-10 ta' April 2013,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal Metro Cash & Carry Danmark ApS, minn E. Lego Andersen u H. Peytz, avukati,

— għall-Gvern Daniż, minn V. Pasternak Jørgensen, bħala aġent, assistita minn D. Auken, avukat,

— għall-Gvern Elleniku, minn I. Pouli u G. Papagianni, bħala aġenti,

— għall-Gvern Portugiż, minn L. Inez Fernandes u A. Cunha, bħala aġenti,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn W. Mölls u C. Barslev, bħala aġenti,

* Lingwa tal-kawża: id-Daniż.

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikoli 7 sa 9 tad-Direttiva tal-Kunsill 92/12/KEE, tal-25 ta' Frar 1992, dwar l-arranġamenti ġenerali għall-prodotti soġġetti għad-dazju tas-sisa u dwar iż-żamma, ċaqliq u mmonitorjar ta' dan it-tip ta' prodotti (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 179), kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 92/108/KEE, tal-14 ta' Diċembru 1992 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 235, iktar 'il quddiem id-"Direttiva 92/12"), tal-Artikoli 32 sa 34 tad-Direttiva tal-Kunsill 2008/118/KE, tas-16 ta' Diċembru 2008, dwar l-arranġamenti ġenerali għad-dazju tas-sisa u li [t]ħassar id-Direttiva 92/12/KEE (ĠU L 9, p. 12), kif ukoll tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3649/92, tas-17 ta' Diċembru 1992, dwar dokument ta' sostenn simplifikat għall-ispostament ta' ġewwa l-Komunità ta' prodotti soġġetti għat-taxxa tas-sisa li ġew mogħtija għall-konsum fl-Istat Membru ta' dispaċċ (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 216).

2 Din it-talba ġiet ippreżentata fil-kuntest ta' kawża bejn Metro Cash & Carry Danmark ApS iktar 'il quddiem "Metro") u l-iSkatteministeriet (Ministeru tat-Taxxi) dwar deċiżjoni ta' dan tal-aħħar li jimponi fuq Metro obbligu li tassigura li tingħata lura l-kopja 1 tad-dokument ta' sostenn simplifikat previst bir-Regolament Nru 3649/92 fil-kuntest tal-bejgħ tal-prodotti suġġetti għas-sisa, f'dan il-każ spirti, lil klijenti suġġetti għat-taxxa fuq il-valur miżjud (iktar 'il quddiem il-"VAT") fl-Isvezja.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

Id-Direttiva 92/12

3 Id-Direttiva 92/12 tistabbilixxi l-arranġamenti ġenerali tal-prodott suġġetti għas-sisa, b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet dwar iż-żamma, ċaqliq u mmonitorjar tagħhom.

4 Ir-raba' sat-tmien premessi tad-Direttiva 92/12 huma fformulati kif ġej:

"Billi sabiex jiġi żgurat l-istabbiltà u l-iffunzjonar tas-suq intern, il-ħlas tad-dazji tas-sisa għandu jkun identiku fl-Istati Membri;

Billi kull tqassim, bil-għan li tqassim jew provvista għall-skopijiet ta' negozjant li jwettaq indipendentement attivita ekonomika jew għall-għanijiet ta' korp regolat bid-dritt pubbliku, li jseħħ fi Stat membru li ma jkunx dak li fih il-prodott jkun rilaxxat għall-konsum jagħti lok għad-dritt tal-ħlas tad-dazju tas-sisa f'dak l-Istat Membru l-ieħor;

Billi fil-każ ta' prodotti soġġetti għad-dazju tas-sisa akkwistati minn individwi privati għall-użu proprju tagħhom u trasportati minnhom, id-dazju għandu jitħallas fil-pajjiż fejn kienu akkwistati;

Billi biex jiġi stabbilit li l-prodotti soġġetti għad-dazju tas-sisa ma jinżammux għal għanijiet privati iżda għal dawk kummerċjali, l-Istati Membri għandhom jagħtu każ ta' numru ta' kriterji;

Billi prodotti soġġetti għad-dazju tas-sisa mixtrija minn persuni li ma jkunux magazziniera approvati jew negozjanti reġistrati jew mhux reġistrati u mibgħuta jew trasporati direttament jew indirettament mill-venditur jew għan-nom tiegħu għandhom ikunu suġġetti għad-dazju tas-sisa fl-Istat Membru ta' destinazzjoni."

5 L-Artikolu 6(1) ta' din id-Direttiva jipprovdi l-prinċipju li jgħid li s-sisa għandha ssir dovuta fiż-żmien tat-tqegħid għall-konsum jew meta jiġu rrekordjati nuqqasijiet li għandhom ikunu suġġetti għas-sisa u huwa jiddefinixxi t-tqegħid għall-konsum bħala kull tluq, inkluż tluq irregolari, minn arranġament ta' sospensjoni.

6 L-Artikolu 7 tal-imsemmija direttiva jipprovdi:

"1. Fil-każ ta' prodotti soġġetti għad-dazju tas-sisa u ġa rilaxxati għall-konsum fi Stat Membru wieħed waqt li jkunu miżmuma għal għanijiet kummerċjali fi Stat Membru ieħor, id-dazju tas-sisa għandu jiġi mpost fl-Istat Membru li fih ikunu miżmuma dawk il-prodotti.

2. Għal dak il-għan, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 6, meta prodotti ġa rilaxxati għall-konsum kif definit fl-Artikolu 6 fi Stat Membru wieħed jitwasslu, jkunu jew maħsub għal trasport fi Stat Membru ieħor jew użati fi Stat Membru ieħor għall-għanijiet ta' negozjant fit-twettiq ta' attività ekonomika indipendentement jew għall-għanijiet ta' korp regolat bil-liġi pubblika, id-dazju tas-sisa għandu jsir dovut f'dak l-Istat membru l-ieħor.

3. Skond iċ-ċirkustanzi kollha [il-każ], id-dazju għandu jkun dovut mill-persuna li tagħmel it-tqassim jew li tkun iżżomm il-prodotti maħsuba għat-tqassim jew mill-persuna li tirċievi l-prodotti għall-użu fi Stat Membru li ma jkunx dak fejn il-prodotti jkunu ġa ġew rilaxxati għal-konsum, jew in-negozjant relevanti jew korp regolat bil-liġi pubblika.

4. Il-prodotti riferiti fil-paragrafu 1 għandhom jiċċaqalqu bejn it-territorji ta' l-Istati Membri varji taħt il-kopertura ta' dokument mehmuż li jelenka t-tagħrif prinċipali mid-dokumnent riferit fl-Artikolu 18(1). Il-forma u l-kontenut ta' dan id-dokument għandhom jiġu stabbiliti skond il-proċedura mniżżla fl-Artikolu 24 ta' din id-Direttiva.

5. Il-persuna, negozjant jew korp riferit fil-paragrafu 3 għandu jikkonforma mal-ħtiġijiet li ġejjin:

a) qabel ma jintbagħtu l-oġġetti, tagħmel dikjarazzjoni lill-awtoritajiet tat-taxxa ta' l-Istat membru ta' destinazzjoni u tiggarantixxi l-ħlas tad-dazju tas-sisa;

b) tħallas id-dazju tas-sisa lill-Istat Membru ta' destinazzjoni skond il-proċedura stabbilita minn dak l-Istat Membru;

(ċ) taċċetta għal [tieħu sehem f'] kull verifika li tippermetti lill-amministrazzjoni ta' l-Istat Membru ta' destinazzjoni li jissodisfa lilu nnifsu li l-oġġetti jkunu ġew attwalment riċevuti u li d-dazju tas-sisa li għalih ikunu suġġetti jkun tħallas.

6. Id-dazju tas-sisa mħallas fl-ewwel Stat Membru riferit fil-paragrafu 1 għandu jitħallas lura skond l-Artikolu 22(3).

[...]".

7 Skont l-Artikolu 8 tad-Direttiva 92/12, għall-prodotti akkwistati mill-individwi, għall-użu tagħhom u ttrasportati minnhom stess, il-prinċipju li jirregola s-suq intern jipprovdi li d-dazji tas-sisa jinġabru fl-Istat Membru fejn il-prodotti jiġu akkwistati.

8 L-Artikolu 9 ta' din id-direttiva jipprovdi:

"1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 6, 7 u 8, id-dazju tas-sisa għandu jsir dovut fejn il-prodotti għall-konsum fi Stat Membru jkunu miżmuma għal għanijiet kummerċjali fi Stat Membru ieħor.

F'dan il-każ, id-dazju għandu jkun dovut fl-Istat Membru li fit-territorju tiegħu jkun l-prodotti u għandu jkun dovut mid-detentur tal-prodotti.

2. Biex jistabbilixxu li l-prodotti riferiti fl-Artikolu 8 huma maħsuba għal-għanijiet kummerċjali, l-Istati Membri għandhom jagħtu kont [jikkunsidraw], *inter alia*, ta' dan li ġej:

— l-istatus kummerċjali tad-detentur tal-prodotti u r-raġunijiet tiegħu għalfejn ikun qed iżommhom,

— il-post fejn ikunu jinsabu l-prodotti jew, fejn xieraq, il-mod ta' trasport użat,

— kull dokument li jirrelata mal-prodotti,

— in-natura tal-prodotti,

— il-kwantita tal-prodotti.

Għall-għanijiet ta' l-applikazzjoni tal-ħames indent [inċiż] ta' l-ewwel subparagrafu, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu l-livelli ta' gwida, unikament bħala forma ta' evidenza. Dawn il-livelli ta' gwida, m'għandhomx ikunu anqas minn:

[...]

(b) Xorb alkoħoliku

xorb spirituż [spirti] 10[litri]

[...]".

Ir-Regolament Nru 3649/92

9 L-Artikoli 1 u 4 tar-Regolament Nru 3649/92, li jistabbilixxu l-modalitajiet tad-dokument ta' sostenn simplifikat, huma fformulati kif ġej:

"*Artikolu 1*

Jekk prodotti li jkunu soġġetti għal taxxa tas-sisa u diġà rilaxxati għall-konsum fi Stat Membru wieħed ikunu maħsubin sabiex jintużaw fi Stat Membru ieħor għall-iskopijiet li hemm riferenza għalihom f'Artikolu 7 tad-Direttiva 92/12/KEE, il-persuna li tkun responsabbli għall-ispustjar ġewwa l-Komunità għandha tfassal dokument ta' sostenn simplifikat. Matul l-ispustjar ta' dawk il-prodotti minn Stat Membru għal Stat Membru ieħor, id-dokument għandu jakkompanja l-kunsinna matul il-moviment u għandu jkun disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għal skopijiet ta' kontroll.

[…]

Artikolu 4

Id-dokument ta' sostenn simplifikat għandu jiġi mfassal fi tliet kopji.

Kopja 1 għandha tinżamm mill-fornitur għall-kontroll fiskali.

Kopja 2 għandha takkompanja l-oġġetti matul l-ispustjar u għandha tinżamm mir-riċevitur.

Kopja 3 għandha takkompanja l-oġġetti u għandha tintbagħat lura lill-fornitur b'ċertifikat ta' rċevuta li jindika wkoll it-trattament fiskali iżjed tal-oġġetti fl-Istat Membru ta' destinazzjoni mogħti mir-riċevitur jekk il-fornitur ikun iridha b'mod partikolari għall-iskopijiet ta' rimborż. Din il-kopja għandha tiġi mehmuża ma' kull applikazzjoni eventwali għal rimborż li għalih hemm provdut f'Artikolu 22(3) tad-Direttiva 92/12/KEE."

Id-Direttiva 2008/118

10 L-Artikoli 32 sa 34 tad-Direttiva 2008/118, li jissostitwixxu l-Artikoli 7 sa 9 tad-Direttiva 92/12 jipprovdu:

"Artikolu 32

1. Id-dazju tas-sisa fuq prodotti soġġetti għad-dazju tas-sisa akkwistati minn individwu privat għall-użu proprju, u ttrasportati minnu stess minn Stat Membru wieħed għal ieħor, għandu jintalab biss fl-Istat Membru fejn il-prodotti soġġetti għad-dazju tas-sisa jiġu akkwistati.

2. Biex jiġi ddeterminat jekk il-prodotti soġġetti għad-dazju tas-sisa msemmija fil-paragrafu 1 ikunux intenzjonati għall-użu proprju ta' individwu privat, l-Istati Membri għandhom jieħdu kont b'mod partikolari tal-punti li ġejjin:

(a) l-istatus kummerċjali tad-detentur tal-prodotti soġġetti għad-dazju tas-sisa u r-raġunijiet tiegħu għall-pussess tagħhom;

(b) il-post fejn il-prodotti soġġetti għad-dazju tas-sisa jkunu jinsabu jew, jekk ikun il-każ, il-metodu ta' transport użat;

(ċ) kwalunkwe dokument relatat mal-prodotti soġġetti għad-dazju tas-sisa;

(d) in-natura tal-prodotti soġġetti għad-dazju tas-sisa;

(e) il-kwantità tal-prodotti soġġetti għad-dazju tas-sisa.

3. Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-punt (e) tal-paragrafu 2, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu livelli ta' gwida, bħala forma ta' prova biss. Dawn il-livelli ta' gwida ma jistgħux ikunu anqas minn:

[…]

(b) għax-xorb alkoħoliku:

— xorb spirituż [spirti]: 10 litri;

— ..]

[…]

Artikolu 33

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 36(1), jekk prodotti soġġetti għad-dazju tas-sisa li jkunu diġà ġew rilaxxati għall-konsum fi Stat Membru jinżammu għal finijiet kummerċjali fi Stat Membru ieħor sabiex jiġu kkonsenjati jew użati hemmhekk, huma għandhom ikunu soġġetti għad-dazju tas-sisa u d-dazju tas-sisa għandu jintalab f'dak l-Istat Membru l-ieħor

Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, 'iż-żamma għal finijiet kummerċjali' għandha tfisser iż-żamma ta' prodotti soġġetti għad-dazju tas-sisa minn persuna li mhix individwu privat jew minn individwu privat mhux għal raġunijiet għajr l-użu proprju u ttrasportati minnu, skont l-Artikolu 32.

2. Il-kondizzjonijiet tal-imponibbiltà u r-rati tad-dazju tas-sisa li għandhom jiġu applikati għandhom ikunu dawk fis-seħħ fid-data li fiha d-dazju jsir imponibbli f'dak l-Istat Membru l-ieħor.

3. Il-persuna responsabbli biex tħallas id-dazju tas-sisa li jkun sar imponibbli għandha tkun, skont il-każijiet imsemmija fil-paragrafu 1, il-persuna li twettaq il-konsenja, jew li żżomm il-prodotti intenzjonati li jiġu kkonsenjati, jew dik li lilha jiġu kkonsenjati l-prodotti fl-Istat Membru l-ieħor.

4. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 38, meta prodotti soġġetti għad-dazju tas-sisa li jkunu diġà ġew rilaxxati għall-konsum fi Stat Membru wieħed jiċċirkolaw fil-Komunità għal finijiet kummerċjali, huma m'għandhomx jitqiesu bħala miżmuma għal dawn il-finijiet sakemm jaslu fl-Istat Membru tad-destinazzjoni, bil-kondizzjoni li huma jkunu qegħdin jiċċirkolaw taħt kopertura tal-formalitajiet previsti fl-Artikolu 34.

5. Il-prodotti soġġetti għad-dazju tas-sisa li jinżammu abbord dgħajsa jew inġenju tal-ajru li jagħmel vjaġġi jew titjiriet bejn żewġ Stati Membri iżda li ma jkunux disponibbli għall-bejgħ meta d-dgħajsa jew l-inġenju tal-ajru jkun fit-territorju ta' wieħed mill-Istati Membri, m'għandhomx jitqiesu li jkunu miżmuma għal finijiet kummerċjali f'dak l-Istat Membru.

6. Id-dazju tas-sisa għandu, fuq talba, jiġi rrimborżat jew maħfur fl-Istat Membru fejn ikun seħħ ir-rilaxx għall-konsum meta l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru l-ieħor jsibu li dak id-dazju tas-sisa jkun sar imponibbli u jkun inġabar f'dak l-Istat Membru.

Artikolu 34

1. Fis-sitwazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 31(1), il-prodotti soġġetti għad-dazju tas-sisa għandhom jiċċirkolaw bejn it-territorji tal-Istati Membri differenti taħt il-kopertura ta' dokument ta' akkumpanjament li jelenka l-informazzjoni prinċipali mid-dokument imsemmi fl-Artikolu 21(1).

Il-Kummissjoni għandha, skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 43(2), tadotta miżuri li jistabbilixxu l-forma u l-kontenut tad-dokument ta' akkumpanjament.

2. Il-persuni msemmija fl-Artikolu 33(3) għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti li ġejjin:

(a) qabel ma jiġu kkonsenjati l-prodotti, jippreżentaw dikjarazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tad-destinazzjoni u jiggarantixxu l-ħlas tad-dazju tas-sisa;

(b) iħallsu d-dazju tas-sisa tal-Istat Membru tad-destinazzjoni skont il-proċedura stabbilita minn dak l-Istat Membru;

(ċ) jaċċettaw kwalunkwe verifika li tippermetti lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tad-destinazzjoni li jiżguraw ruħhom li l-prodotti soġġetti għad-dazju tas-sisa jkunu verament ġew riċevuti u li d-dazju tas-sisa imponibbli fuqhom ikun tħallas.

L-Istat Membru tad-destinazzjoni jista', fis-sitwazzjonijiet u l-kondizzjonijiet stabbiliti minnu, jissimplifika jew jikkonċedi deroga mir-rekwiżiti msemmija fil-punt (a). F'dak il-każ, huwa għandu jgħarraf lill-Kummissjoni, li għandha tgħarraf lill-Istati Membri l-oħra."

Id-dritt Daniż

11 Id-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva 92/12 u tad-Direttiva 2008/118 ġew trasposti permezz tal-liġi kkonsolidata Nru 1239 dwar it-taxxi fuq il-birra, l-inbid u l-inbid tal-frott *et* (liġi dwar it-taxxa fuq l-ispirti) [lovbekendtgørelse nr. 1239 om afgift af øl, vin og frugtvin m.m (spiritusafgiftsloven)], tat-22 ta' Ottubru 2007 u permezz tal-Liġi Nru 1385 li temenda, fost oħrajn, il-liġi dwar it-taxxa fuq l-ispirti (lov nr. 1385 om ændring af bl.a. spiritusafgiftsloven), tal-21 ta' Diċembru 2009.

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

12 Mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li d-dazji tas-sisa Daniżi fuq l-ispirti huma kunsiderevolment inqas għoljin mid-dazji Svediżi li jikkorrispondu għalihom. Fl-1 ta' Jannar 2012, id-dazji tas-sisa Daniżi kienu ta' 150 Krona Daniża (DKK) għal kull litru filwaqt li fl-istess data, id-dazji Svediżi kienu ta' madwar DKK 424.14 għal kull litru. Din is-sitwazzjoni hija inkoraġġiment finanzjarju sabiex jinxtraw spirti suġġetti għas-sisa Daniża u jiġu importati lejn l-Isvezja. L-ispirti ma humiex suġġetti għad-dazji tas-sisa Svediża jekk dan jinxtraw minn individwi fid-Danimarka għall-użu proprju tagħhom u jiġu ttrasportati minnhom stess. Għall-kuntrarju, fil-każ ta' akkwist għal skopijiet kummerċjali, id-dazji tas-sisa Svediżi huma applikabbli.

13 Fid-Danimarka, Metro teżerċita attività ta' bejgħ ta' għażla kbira ta' prodotti, inklużi spirti, lil klijenti Daniżi jew li ġejjin minn Stati Membri oħra. Il-kunċett użat, tal-"cash & carry", jikkonsisti f'li l-klijenti jiġu huma stess jieħdu l-merkanzija minn fuq l-ixkafef li jinsabu fl-imħażen (warehouses) u jqiegħduhom fi trolleys li huma jieħdu sal-cash fejn huma jħallsu x-xirja tagħhom bi flus kontanti ("cash"). Ladarba jitħallsu, il-prodotti jingħataw lill-klijenti li jieħdu ħsieb huma stess tal-kunsinna tagħhom ("carry").

14 Mingħand Metro, l-akkwisti jistgħu jsiru biss wara li wieħed jippreżenta, mal-cash, kard ottika (iktar 'il quddiem il-"kard Metro") maħruġa fuq talba lill-impriżi Daniżi rreġistrati fid-Det Centrale Virksomhedsregister (Ir-Reġistru Ċentrali tal-Impriżi). Fir-rigward tal-klijenti Svediżi, Metro toħroġ din il-kard biss lill-impriżi suġġetti għall-VAT fl-Isvezja. Klijent li jinħarġulu diversi kards Metro jista' jqiegħed il-kards tiegħu għad-dispożizzjoni ta' persuni fiżiċi oħra, liema persuni jistgħu jużaw l-imsemmija kards sabiex iwettqu l-akkwisti tagħhom stess. Dan jgħodd kemm għall-klijenti Daniżi kif ukoll għal dawk Svediżi. Metro għandha iktar minn 250 000 klijent irreġistrat u ħarġet iktar minn 7100 000 kard Metro.

15 Il-persuna li tippreżenta ruħha mal-cash ma hija suġġetta għal ebda formalità sabiex tiġġustifika l-identità tagħha jew il-kwalità tagħha ta' operatur jew ta' rappreżentant tal-impriża li nħarġitilha l-kard Metro. Metro ma tagħmilx kontrolli mal-cash sabiex tivverifika jekk il-merkanzija hijiex mixtrija għal skopijiet kummerċjali jew jekk dawn humiex biss, jew ukoll, akkwisti għal użu privat.

16 Il-bejgħ ta' spirti huwa dejjem suġġett għall-ħlas tal-VAT u għad-dazji tas-sisa Daniża, tkun xi tkun in-nazzjonalità tal-klijent.

17 Minn talba għal assistenza tat-12 ta' Frar 2007, iġġustifikata mir-riskju ta' frodi fis-settur tar-ristoranti, jirriżulta li l-iSkatteverket (amministrazzjoni fiskali Daniża) kienet talbet lill-amministrazzjoni doganali u fiskali Daniża għal informazzjoni dwar l-akkwisti mwettqa mill-klijenti Svediżi mingħand Metro

matul is-snin 2003 u 2004. L-informazzjoni riċevuta kienet intużat matul kontrolli mwettqa f'għadd ta' ristoranti Svediżi u sussegwentement, fil-każijiet kollha, il-proprjetarji tar-ristoranti rċivew avviż ta' rkupru u ttiħditilhom il-liċenzja.

18 Sussegwentement, l-iSkatteministeriet adotta deċiżjoni li timponi lil Metro li tingħata l-Kopja 1 tad-dokument ta' sostenn simplifikat matul il-bejgħ ta' spirti lill-klijenti Svediżi.

19 L-azzjoni mibdija minn Metro kontra din id-deċiżjoni ġiet miċħuda mill-Østre Landsret (Qorti reġjonali tal-Lvant tad-Danimarka), permezz ta' deċiżjoni tad-19 ta' Marzu 2010.

20 Fil-11 ta' Mejju 2010, Metro appellat din id-deċiżjoni quddiem il-Højesteret.

21 Huwa f'dawn iċ-ċirkustanzi li l-Højesteret iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) Id-Direttiva 92/12 u r-Regolament Nru 3649/92 għandhom jiġu interpretati fis-sens li negozjant fi Stat Membru li, f'ċirkustanza bħal dawk tal-kawża prinċipali, ibigħ oġġetti suġġetti għal dazju tas-sisa li ngħataw għall-konsum f'dan l-Istat Membru u li huma pprovduti fuq il-post ta' negozju tal-venditur lix-xerrej li huwa residenti fi Stat Membru ieħor, mingħajr ma l-bejjiegħ jassisti fil-provvista jew fl-arranġament ta' trasport, għandu jwettaq verifiki [l-ewwel nett] sabiex jiddetermina jekk l-akkwist tal-oġġetti li huma s-suġġett ta' dazju sarx għal fini tal-importazzjoni tagħhom f'dan it-tieni Stat Membru u [it-tieni nett] sabiex jiddetermina jekk l-oġġetti humiex importati għal użu privat jew kummerċjali?

2) Fil-każ li r-risposta għall-ewwel domanda tkun fl-affermattiv, in-negozjant għandu, fil-mument tal-bejgħ ta' oġġetti suġġetti għal dazju tas-sisa f'ċirkustanzi bħal dawk tal-kawża prinċipali, meta jwettaq il-verifiki msemmija iktar'il fuq, japplika regola ta' preżunzjoni għal dak li jirrigwarda l-intenzjoni tax-xerrej fir-rigward tal-oġġetti akkwistati?

3) Fil-każ li r-risposta għall-ewwel domanda tkun fl-affermattiv, id-Diretttiva 92/12 u r-Regolament Nru 3649/92 għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-venditur, kif imsemmi fl-ewwel domanda, f'ċirkustanzi bħal dawk tal-kawża prinċipali, għandu jirrifjuta x-xewqa tax-xerrej li jakkwista oġġetti suġġetti għal dazju tas-sisa jekk ix-xerrej ma joffrix li jippreżenta Kopja 1 tad-dokument ta' sostenn simplifikat imsemmi fl-Artikolu 4 tar-Regolament Nru 3649/92, fil-każ li l-intenzjoni ta' akkwist tkun li l-oġġetti suġġetti għal dazju jintużaw għal skopijiet kummerċjali fil-pajjiż ta' oriġini tax-xerrej? Għandha tingħata risposta wkoll fil-każ li jiġu applikati r-regoli ta' preżunzjoni, imsemmija fit-tieni domanda.

4) Id-dħul fis-seħħ tad-Direttiva 2008/118 u t-tħassir tad-Direttiva 92/12 jagħtu lok għal bidla fis-sitwazzjoni legali għal dak li jirrigwarda l-implikazzjonijiet tad-Direttiva 92/12 fir-rigward tar-risposta għall-ewwel u għat-tielet domanda?

5) Il-frażi 'prodotti akkwistati minn individwi privati għall-użu proprju tagħhom' fl-Artikolu 8 tad-Direttiva 92/12 (ara l-Artikolu 32(1) tad-Direttiva 2008/118) għandha tiġi interpretata fis-sens li tkopri, jew tista' tkopri, akkwisti ta' oġġetti suġġetti għal dazju tas-sisa f'ċirkustanzi bħal dawk tal-kawża prinċipali? Fil-każ li r-risposta għal din id-domanda tkun fin-negattiv, l-akkwisti għandhom għaldaqstant jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 7 tad-Direttiva 92/12 u/jew tal-Artikolu 33 tad-Direttiva 2008/118?"

Fuq id-domandi preliminari

Fuq l-ewwel domanda

22 Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk l-Artikoli 7 sa 9 tad-Direttiva 92/12 kif ukoll l-Artikoli 1 u 4 tar-Regolament Nru 3649/92 għandhomx jiġu interpretati fis-sens li huma jimponu fuq operatur ekonomiku, bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li jivverifika li x-xerrejja li joriġinaw minn Stati Membri oħra għandhom l-intenzjoni li jimportaw il-prodotti suġġetti għas-sisa fi Stat Membru ieħor u, jekk ikun il-każ, jekk tali importazzjoni hijiex imwettqa għal skopijiet privati jew għal skopijiet kummerċjali.

23 Preliminarjament, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, id-Direttiva 92/12 hija intiża sabiex tistabbilixxi numru ta' regoli f'dak li jikkonċerna ż-żamma, ċaqliq u mmonitorjar tal-prodotti suġġetti għas-sisa, u dan b'mod partikolari sabiex jiġi żgurat li l-eżiġibbiltà tas-sisa tkun identika fl-Istati Membri kollha (ara s-sentenza tat-23 ta' Novembru 2006, Joustra, C-5/05, Ġabra p. I-11075, punt 27 u l-ġurisprudenza ċċitata).

24 Hekk kif jirriżulta, b'mod partikolari, mill-ħames u s-sitt premessa tad-Direttiva 92/12, din id-Direttiva tistabbilixxi distinzjoni bejn, minn naħa, il-prodotti li huma miżmuma għal skopijiet kummerċjali u li matul it-trasport tagħhom għandu jkollhom mehmuża xi dokumenti u, min-naħa l-oħra, il-prodotti akkwistati mill-individwi għall-użu proprju tagħhom u li t-trasport tagħhom ma jeħtieġ ebda dokument.

25 Skont l-Artikolu 1 tar-Regolament Nru 3649/92, jekk prodotti li jkunu suġġetti għas-sisa u diġà mqiegħda għall-konsum fi Stat Membru wieħed ikunu maħsubin sabiex jintużaw fi Stat Membru ieħor għall-iskopijiet previsti fid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 7 tad-Direttiva 92/12, il-persuna li tkun responsabbli miċ-ċaqliq ġewwa l-Komunità għandha tfassal dokument ta' sostenn simplifikat.

26 Skont l-Artikolu 4 tal-imsemmi regolament, id-dokument ta' sostenn simplifikat għandu jitfassal fi tliet kopji; il-kopja 1 għandha tinżamm mill-fornitur għall-kontroll fiskali.

27 Mill-qari tal-Artikoli 1 u 4 tar-Regolament Nru 3649/92 flimkien, jirriżulta li l-kopja 1 tad-dokument ta' sostenn simplifikat għandu jinżamm mill-fornitur meta dan id-dokument jitfassal mill-"persuna li tkun responsabbli għall-ispustjar [miċ-ċaqliq] ġewwa l-Komunità", imsemmija fl-imsemmi Artikolu 1, li għandha, konsegwentement, tagħti din il-kopja lura lill-fornitur meta hija tikkonstata li xi prodotti suġġetti għas-sisa, li jkunu diġà tqiegħdu għall-konsum fi Stat Membru, huma ddestinati sabiex jinżammu għal skopijiet kummerċjali fi Stat Membru ieħor.

28 Xejn f'dawn id-dispożizzjonijiet ma jippermetti li wieħed jikkonkludi li fornitur bħalma hija Metro, sakemm huwa stess ma jkunx il-"persuna li tkun responsabbli għall-ispustjar [miċ-ċaqliq] ġewwa l-Komunità" skont l-Artikolu 1 tar-Regolament Nru 3649/92, għandu jivverifika jekk il-kundizzjonijiet humiex sodisfatti sabiex il-persuna responsabbli tistabbilixxi u tagħtih lura l-imsemmi dokument ta' sostenn simplifikat sabiex huwa jkun jista' jżommu.

29 Hekk kif il-Kummissjoni sostniet fl-osservazzjonijiet tagħha, din il-persuna responsabbli hija dik imsemmija fl-Artikolu 7(5) tad-Direttiva 92/12 li jagħmel riferiment għall-Artikolu 7(3) ta' dik id-Direttiva.

30 Skont din l-aħħar dispożizzjoni, is-sisa hija dovuta, skont il-każ, lill-persuna li twettaq il-kunsinna, li tkun iżżomm il-prodotti maħsubin għat-tqassim jew mill-persuna li tirċievi l-prodotti fi Stat Membru li ma jkunx dak fejn il-prodotti jkunu diġà tqiegħdu għall-konsum, jew min-negozjant jew korp regolat bid-dritt pubbliku.

31 F'dan il-każ, ma huwiex ikkontestat li, fil-kuntest tas-sistema "cash & carry" stabbilita minn Metro, huwa l-klijent stess li jieħu ħsieb it-trasport tal-prodotti mixtrija, liema prodotti jistgħu jkunu ddestinati għal użu privat jew kummerċjali u, meta l-klijent ikun Svediż, ikunu ddestinati għal użu mhux fl-Isvezja, iżda fid-Danimarka.

32 Minn dan jirriżulta, qabelxejn, li operatur bħal Metro, bħala fornitur li ma jieħux ħsieb tal-kunsinna ta' prodotti mibjugħa, ma jistax jitqies li huwa l-"persuna li tagħmel it-tqassim", fis-sens tal-Artikolu 7(3) tad-Direttiva 92/12.

33 Sussegwentement, tali operatur ma jistax jitqies li huwa l-persuna "li tkun iżżomm il-prodotti maħsuba għat-tqassim", fis-sens tal-imsemmi Artikolu 7(3), sa fejn l-attività ta' kummerċ bl-ingrossa self-service tiegħu ma tippermettilu li jiggarantixxi la l-użu kummerċjali tal-prodotti mibjugħa lil klijenti Svediżi u lanqas il-fatt li dawn il-prodotti se jitqassmu effettivament fl-Isvezja.

34 Din l-interpretazzjoni hija kkonfermata mill-Artikolu 33(3) tad-Direttiva 2008/118 li jissostitwixxi l-Artikolu 7(3) tad-Direttiva 92/12. Fil-fatt, it-test il-ġdid issa fih riferiment għal dan l-Artikolu 33(1), li b'mod ċar jistabbilixxi rabta bejn iż-żamma bl-għan li ssir kunsinna u l-applikazzjoni tal-imsemmi Artikolu 33, li, bħalma jagħmel l-Artikolu 7 tad-Direttiva 92/12, jirrigwarda l-prodotti li ġew "rilaxxati [tqiegħdu] għall-konsum fi Stat Membru" u "jinżammu għal finijiet kummerċjali fi Stat Membru ieħor".

35 Fl-aħħar nett, mill-qari tal-Artikolu 7(2) u (3) tad-Direttiva 92/12 flimkien, jirriżulta li Metro, bħala impriża stabbilita fid-Danimarka, li huwa l-Istat Membru tat-tqegħid għall-konsum fil-kawża prinċipali, lanqas ma taqa' fost il-każijiet previsti fl-Artikolu 7(3) tal-imsemmija direttiva. Fil-fatt, dawn tal-aħħar jikkonċernaw biss in-negozjanti jew il-korpi regolati bid-dritt pubbliku li lilhom jitqassmu l-prodotti fi ħdan Stat Membru li ma huwiex dak tat-tqegħid għall-konsum.

36 Din il-konklużjoni hija wkoll appoġġata mill-Artikolu 33(3) tad-Direttiva 2008/118 li jissemplifika dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 92/12 billi issa jagħmel riferiment biss għall-persuna "li lilha jiġu kkonsenjati l-prodotti fl-Istat Membru l-ieħor".

37 Konsegwentement, għandu jiġi kkonstatat li operatur ekonomiku bħalma hija Metro ma jistax jiġi kklassifikat bħala "persuna li tkun responsabbli għall-ispustjar [miċ-ċaqliq] ġewwa l-Komunità", fis-sens tal-Artikolu 1 tar-Regolament Nru 3649/92, u ma għandux jikkontrolla jekk il-kundizzjonijiet humiex sodisfatti sabiex il-persuna responsabbli tistabbilixxi u tagħtih lura d-dokument ta' sostenn simplifikat sabiex huwa jżommu.

38 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha suesposti, ir-risposta għall-ewwel domanda għandha tkun li l-Artikoli 7 sa 9 tad-Direttiva 92/12 kif ukoll l-Artikoli 1 u 4 tar-Regolament Nru 3649/92 għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jimponux fuq operatur ekonomiku, bħalma huwa dak fil-kawża prinċipali, li jivverifika jekk ix-xerrejja li joriġinaw minn Stati Membri oħra għandhomx l-intenzjoni li jimportaw il-prodotti suġġetti għas-sisa fi Stat Membru ieħor u, jekk dan ikun il-każ, jekk tali importazzjoni titwettaqx għal skopijiet privati jew għal skopijiet kummerċjali.

Fuq it-tieni u t-tielet domandi

39 B'teħid inkunsiderazzjoni tar-risposta mogħtija għall-ewwel domanda, ma fadalx lok li tingħata deċiżjoni dwar it-tieni u t-tielet domandi preliminari.

Fuq ir-raba' domanda

40 Permezz tar-raba' domanda, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk l-Artikoli 32 sa 34 tad-Direttiva 2008/118 għandhomx jiġu interpretati fis-sens li huma jagħmlu emendi sostanzjali lill-Artikoli 7 sa 9 tad-Direttiva 92/12 li jiġġustifikaw, f'ċirkustanzi bħalma huma dawk fil-kawża prinċipali, risposta differenti għall-ewwel domanda.

41 Ir-risposta għal din id-domanda tirriżulta minn dik mogħtija għall-ewwel domanda u, b'mod partikolari, mill-punti 34 u 36 tal-preżenti sentenza.

42 Fil-fatt, għandu jiġi kkonstatat li l-Artikoli 32 sa 34 tad-Direttiva 2008/18 ma jagħmlux emendi sostanzjali lill-Artikoli 7 sa 9 tad-Direttiva 92/12, iżda jirriproduċu l-kontenut ta' dawn l-artikoli filwaqt li jiċċarawhom.

43 Konsegwentement, ir-risposta għar-raba' domanda għandha tkun li l-Artikoli 32 sa 34 tad-Direttiva 2008/118 għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jagħmlux emendi sostanzjali lill-Artikoli 7 sa 9 tad-Direttiva 92/12, li jiġġustifikaw, f'ċirkustanzi bħal dawk fil-kawża prinċipali, risposta differenti minn dik tal-ewwel domanda.

Fuq il-ħames domanda

44 Permezz tal-ħames domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk l-Artikolu 8 tad-Direttiva 92/12 għandux jiġi interpretat fis-sens li jista' jkopri x-xiri ta' prodotti suġġetti għas-sisa f'ċirkustanzi bħalma huma dawk fil-kawża prinċipali.

45 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-prodotti li ma humiex miżmuma għal skopijiet personali għandhom bilfors jitqiesu li huma miżmuma għal skopijiet kummerċjali (ara s-sentenza Joustra, iċċitata iktar 'il fuq, punt 29).

46 Mill-formulazzjoni tal-Artikolu 7 tad-Direttiva 92/12 jirriżulta li dan tal-aħħar jirrigwarda x-xiri ta' prodotti suġġetti għas-sisa f'ċirkustanzi bħalma huma dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali meta dawn il-prodotti jkunu ddestinati sabiex jinżammu fi Stat Membru ieħor għal skopijiet kummerċjali.

47 Madankollu, hekk kif jirriżulta mill-eżami tal-ewwel domanda, huwa wkoll possibbli li tali prodotti jkunu akkwistati minn individwi, għall-użu proprju tagħhom, u ttrasportati minnhom stess fl-Isvezja. F'tali ċirkustanzi, l-imsemmija prodotti jaqgħu taħt l-Artikolu 8 tad-Direttiva 92/12.

48 Konsegwentement, ir-risposta għall-ħames domanda għandha tkun li l-Artikolu 8 tad-Direttiva 92/12 għandu jiġi interpretat fis-sens li jista' jkopri x-xiri ta' prodotti suġġetti għas-sisa f'ċirkustanzi bħalma huma dawk fil-kawża prinċipali, meta dawn il-prodotti jinxtraw minn individwi, għall-użu proprju tagħhom u huma ttrasportati minnhom stess, fatt li għandu jiġi vverifikat każ b'każ mill-awtoritajiet nazzjonali.

Fuq l-ispejjeż

49 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **L-Artikoli 7 sa 9 tad-Direttiva tal-Kunsill 92/12/KEE, tal-25 ta' Frar 1992, dwar l-arranġamenti ġenerali għall-prodotti soġġetti għad-dazju tas-sisa u dwar iż-żamma, ċaqliq u mmonitorjar ta' dan it-tip ta' prodotti, kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 92/108/KEE, tal-14 ta' Diċembru 1992, kif ukoll l-Artikoli 1 u 4 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3649/92, tas-17 ta' Diċembru 1992, dwar dokument ta' sostenn simplifikat għall-ispostament ta' ġewwa l-Komunità ta' prodotti soġġetti għat-taxxa tas-sisa li ġew mogħtija għall-konsum fl-Istat Membru ta' dispaċċ, għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jimponux fuq operatur ekonomiku, bħalma huwa dak fil-kawża prinċipali, li jivverifika jekk ix-xerrejja li joriġinaw minn Stati Membri oħra għandhomx l-intenzjoni li jimportaw il-prodotti suġġetti għas-sisa fi Stat Membru ieħor u, jekk dan ikun il-każ, jekk tali importazzjoni titwettaqx għal skopijiet privati jew għal skopijiet kummerċjali.**

2) **L-Artikoli 32 sa 34 tad-Direttiva tal-Kunsill 2008/118/KE, tas-16 ta' Diċembru 2008, dwar l-arranġamenti ġenerali għad-dazju tas-sisa u li [t]ħassar id-Direttiva 92/12/KEE, għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jagħmlux emendi sostanzjali lill-Artikoli 7 sa 9 tad-Direttiva 92/12, kif emendata bid-Direttiva 92/108, li jiġġustifikaw, f'ċirkustanzi bħal dawk fil-kawża prinċipali, risposta differenti minn dik tal-ewwel domanda.**

3) **L-Artikolu 8 tad-Direttiva 92/12, kif emendata bid-Direttiva 92/108, għandu jiġi interpretat fis-sens li jista' jkopri x-xiri ta' prodotti suġġetti għas-sisa f'ċirkustanzi bħalma huma dawk fil-kawża prinċipali, meta dawn il-prodotti jinxtraw minn individwi, għall-użu proprju tagħhom u huma ttrasportati minnhom stess, fatt li għandu jiġi vverifikat każ b'każ mill-awtoritajiet nazzjonali.**

Firem